MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 3/2014

Bank **of Valletta plc**

**vs**

**Melanie Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Jannar 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€4,040.82) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" taghha mal-Bank of Valletta p.l.c.

(Dok. "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-17 ta' Dicembru 2013 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 22 ta' Mejju 2009 (Dok. "B") u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuta Melanie Scicluna (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuta ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Ottubru 2011 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenuta Melanie Scicluna tixhed fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2014 u tghid li hija rceviet ir-rikors promotur tal-bank attrici u taqbel mal-kontenut tieghu li hija debitrici tal-bank attrici fl-ammont hemm indikat. Fil-fatt hija esebiet kopja ta' ittra li l-konsulent legali taghha Dr Thomas Abela kien baghat lill-bank fis-7 ta' Jannar 2014 fejn permezz ta' dan l-att kienet infurmat lill-bank li kellha taghti somma flus pero' xtaqet li thallas id-debitu taghha permezz ta' programm ta' ' repayments'. Illi viva voce seduta stante l-konvenuta wkoll uriet din ix-xewqa taghha li thallas id-debitu taghha mensilment.

Ghaldaqstant din il-Qorti thoss li t-talba tal-bank attrici hija wahda gusta u timmerita konferma.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba tal-bank attrici kif kontenuta fir-rikors promotur u dan fuq ammissjoni tal-istess konvenuta u qieghda prezenzjalment tikkundanna lill-konevnuta thallas lill-bank attrici s-somma ta' erbat elef u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€4,040.82).**

**Oltre dan qieghda tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tal- 20 ta' Ottubru 2011 u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur. Bl-imghax mis-17 ta' Dicembru, 2013 sal-effettiv pagament.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------